

Brussell, 23 ta' Frar 2024
(OR. en)

6831/24

SOC 120
EMPL 65
EDUC 51
JEUN 36
ECOFIN 225

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ - Messaġġi Ewlenin - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-Messaġġi Ewlenin tar-Rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, bil-għan li jiġu approvati fil-laqgħa tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2024.

Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tar-Rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jinsabu fid-dokument 6831/24 ADD 1.

Il-ġbir ta' data għall-monitoraġġ tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fl-2022 kif mibgħut mill-EMCO jinsab fid-dokument 6831/24 ADD 2.

Rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni tar-

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż- Żgħażaġħ

Messaġġi Ewlenin tal-EMCO għall-Kunsill

1. Introduzzjoni

Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) ingħata l-kompitu li jimmonitorja l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Fl-2016, l-2018 u l-2019, il-Kunsill (EPSCO) approva ġabra ta' messaġġi ewlenin li l-EMCO kien ipprova abbażi tal-monitoraġġ minnu tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar it-Twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Dawn issottolinjaw l-importanza tal-prevenzjoni, l-intervent bikri, sħubiji b'saħħithom fl-Istati Membri, kif ukoll ir-rwol kruċjali tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES).

Mill-2021, issokta l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-Tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. F'Ottubru 2021, il-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO dwar l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ "imsaħħa" ffukaw fuq l-impatt sproporzjonat tal-kriżi tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġh, li matulha l-Istati Membri żammew impenn politiku qawwi għall-implimentazzjoni tagħha. Ittieħdu passi 'l quddiem fl-Istati Membri kollha u pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali ġodda, li ġew adottati jew li kellhom jiġu adottati dak iż-żmien, indikaw approċċ aktar sistematiku u koerenti fl-indirizzar tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażaġh. Fl-istess ħin, kien fadal sfidi fl-oqsma kollha tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, fejn il-pandemija f'ħafna każijiet kienet qed tkun fattur ta' xkiel addizzjonali. F'Novembru 2023, l-aktar rieżami reċenti twettaq mill-**Grupp ta' Analiżi tal-Politika tal-EMCO (EMCO PAG)**. Il-messaġġi ewlenin attwali huma bbażati fuq ir-riżultati ta' dak ir-rieżami, bil-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi inklużi fl-anness. Annessi wkoll ma' dan id-dokument hemm ir-riżultati għal kull Stat Membru tal-eżerċizzju tal-ġbir tad-data tal-2023, preċeduti minn sommarju tar-riżultati prinċipali fil-livell tal-UE.

2. Il-progress miksub

B'mod ġenerali, l-Istati Membri żammew impenn politiku qawwi għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa u l-biċċa l-kbira tagħhom rrappurtaw l-isforzi li għamlu biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jwasslu servizzi liż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs). Bejn l-2021 u l-2023, ġie rreġistrat progress fl-Istati Membri kollha fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, għalkemm il-grad tal-implimentazzjoni jvarja fl-UE u xi aspetti jidhru li ddeterjoraw, skont ir-riżultati tal-ġbir tad-data. Issa huwa importanti li jiġu indirizzati l-isfidi u l-lakuni osservati.

Wara l-livell massimu milħuq waqt il-pandemija, is-sehem ta' żgħażaġħ NEET reġa' beda nieżel skont ix-xejra mibdija fl-2014. L-iżvilupp reċenti jista' jirriżulta mill-effiċjenza dejjem akbar ta' programmi ta' attivazzjoni implimentati mill-Istati Membri u mill-prestazzjoni tajba tas-swieq tax-xogħol Ewropej, b'livelli baxxi mingħajr preċedent tal-qgħad u ż-żieda dejjem akbar fin-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi differenti.

Jeħtieġ li jissaħħu l-miżuri biex jintlaħqu l-persuni b'mod partikolari għan-NEETs l-aktar vulnerabbli, inkluż in-NEETs f'żoni rurali, partikolarment billi tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-ministeri u s-servizz pubbliku tal-impjieg. Għalkemm bosta Stati Membri rrappurtaw li sar progress sinifikanti fir-rigward tat-titjib fil-ħiliet diġitali, għad hemm xi pajjiżi fejn jidher li hemm sfidi. Is-sehem ta' ħruġ pożittiv u f'waqtu mill-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tjieb, iżda f'bosta każijiet iż-żmien ta' stennija jibqa' twil wisq. Ir-rata ta' kopertura naqset ukoll. Għalhekk, huwa neċessarju li titjeb il-kapaċità tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ li tilħaq aktar żgħażaġħ. Rigward is-sostenibbiltà tar-riżultati, is-sehem ta' eżiti pożittivi wara sitt xhur naqas kemxejn, iżda għadhom meħtieġa sforzi, b'mod ġenerali, biex titjeb il-kwalità ta' data ta' segwitu f'bosta Stati Membri. Meħtieġ ukoll li jsir titjib fir-rigward tal-immappjar, peress li l-ġbir, il-kondiviżjoni u s-segwitu tad-data dwar in-NEETs hija meqjusa bħala importanti għas-segwitu tal-miżuri fl-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-livell nazzjonali.

Għad fadal differenzi sostanzjali fil-kwalità u l-effettività tat-twassil tas-servizz. Ġiet osservata bidla mill-provvista ta' servizzi personalizzati għal servizzi aktar ġeneralizzati, bir-riskju li ż-żgħażaġh NEETs jitqiesu bħala persuni regolari li jfittxu impjieg u li n-NEETs inattivi jitħallew jibqgħu lura. Din hija ta' tħassib billi l-għadd ta' żgħażaġh NEETs f'kundizzjonijiet vulnerabbli għadu għoli u dan johlq problema f'bosta Stati Membri. Jeħtieġ li jissaħħu l-**miżuri ta' prevenzjoni** u tingħata attenzjoni speċjali wkoll fuq it-tluq bikri mill-iskola.

Il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) huwa opportunità biex jiġu indirizzati l-isfidi li għadhom jiffaċċaw l-Istati Membri, u jeħtieġ li jiġu allokat i rżorsi adegwati għal azzjonijiet u miżuri innovattivi kif xieraq. B'mod speċjali fil-każ ta' Stati Membri b'governanza fuq diversi livelli, l-allokazzjoni ġusta tar-rżorsi u sistema ta' monitoraġġ soda jistgħu jevitaw ir-riskju ta' implimentazzjoni mhux uniformi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-pajjiż. Min-naħa l-oħra, ser ikun importanti li jiġi żgurat finanzjament nazzjonali adegwat għal inizjattivi tal-passat li wrew li kienu ta' suċċess fl-appoġġ għan-NEETs u li ressquhom lejn is-suq tax-xogħol b'mod sostenibbli. F'dan il-kuntest, il-bidla mill-użu estensiv tal-fondi FSE+ għal programmar nazzjonali hija kruċjali. L-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri u l-organizzazzjoni ta' proġetti transnazzjonali jibqgħu jiġu mħeġġa.